

5. Il-ħames motiv ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament u, b'mod partikolari, fuq il-ksur tal-Artikolu 1(d) tar-Regolamenti minħabba diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess u fuq il-lingwa kif ukoll fuq il-ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità. Ir-rkorrent jikkunsidra li r-restrizzjoni għall-Ingliż tal-lingwi li jistgħu jintużaw għall-intervista tikkostitwixxi ksur manifest tal-Artikolu 1(d) tar-Regolamenti peress li [X] kellha l-ingliż bħala tieni lingwa tagħha, filwaqt li l-Inglijż kien biss it-tielet lingwa tar-rkorrent. Barra minn hekk, l-esperjenza maniġerjali tiegħi hija sostanzjalment iktar minn dik ta' [X], u għalhekk ma jistax jiġi esklużi li kien hemm diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, peress li elementi oħra tal-fajl jindikaw li, fil-proċedura interna tal-għażla, il-Kunsill għandu tendenza jagħżel nisa sabiex tiġi kkumpensata l-ħatra ta' irġiel fil-proċedura esterna tal-għażla. Fl-aħħar nett, ir-rkorrent iqis li saret għażla irazzjonal, peress li lingwa waħda ingħatat vantaġġ u status privileġġat, li jikser il-prinċipju ta' proporzjonalità.

**Rikors ippreżzentat fis-17 ta' Awwissu 2017 – Staropilsen vs EUIPO – Pivovary Staropramen
(STAROPILSEN; STAROPLZEN)**

(Kawża T-556/17)

(2017/C 347/56)

Lingwa tar-rikors: l-Inglijż

Partijiet

Rikorrenti: Staropilsen s. r. o. (Pilsen, ir-Repubblika Ċeka) (rappreżentant: A. Kodrasová, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprijetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Pivovary Staropramen s. r. o. (Praga, ir-Repubblika Ċeka)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Proprietarju tat-trade mark kontenzjuża: ir-rkorrenti

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: trade mark verbali tal-Unjoni "STAROPILSEN; STAROPLZEN" – Trade mark tal-Unjoni Nru 9 034 893

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità

Deċiżjoni kkontestata: deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-20 ta' Ġunju 2017 fil-Każ R 236/2017-4

Talbiet

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

Motiv invokat

- Ksur tal-Artikoli 53(1)(a) u 81(1)(a) tar-Regolament Nru 207/2009;

Rikors ippreżzentat fid-9 ta' Awwissu 2017 – Abdulkarim vs Il-Kunsill

(Kawża T-559/17)

(2017/C 347/57)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Mouhamad Wael Abdulkarim (Dubai, l-Emirati Għarab Magħquda) (rappreżentanti: J.-P. Buyle u L. Cloquet, avukat)